



Brussell, 21 ta' Mejju 2019
(OR. en, pt, de)

Fajl Interistituzzjonal:
2016/0359(COD)

9170/2/19
REV 2 ADD 1

CODEC 1052
JUSTCIV 119
EJUSTICE 64
ECOFIN 483
COMPET 389
EMPL 264
SOC 356

NOTA PUNT "I/A"

minn: Segretarjat Ġeneral tal-Kunsill

lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

Suġġett: Abbozz ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar oqfsa ta' ristrutturar preventiv, dwar il-ħelsien mid-dejn u skwalifikasi u dwar miżuri sabiex tiżdied l-effiċjenza tal-proċeduri li jikkonċernaw ir-ristrutturar, l-insolvenza u l-ħelsien mid-dejn u, li temenda d-Direttiva (UE) 2017/1132 (Direttiva dwar ir-ristrutturar u l-insolvenza) (**I-ewwel qari**)
- Adozzjoni tal-att leġislattiv
- Dikjarazzjonijiet

Dikjarazzjoni mill-Portugall

Il-Portugall jirrikoxxi li hemm biżżejjed flessibbiltà fit-test tal-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar oqfsa ta' ristrutturar preventiv, dwar il-ħelsien mid-dejn u skwalifikasi u dwar miżuri sabiex tiżdied l-effiċjenza tal-proċeduri li jikkonċernaw ir-ristrutturar, l-insolvenza u l-ħelsien mid-dejn u li temenda d-Direttiva 2012/30/UE biex tippermetti lill-Istati Membri jeskludu kategoriji spċifici ta' dejn mill-ħelsien mid-dejn, jew jiġi ristrett l-aċċess għall-ħelsien mid-dejn jew jiġi stabbilit perijodu ta' ħelsien itwal fejn tali esklużjonijiet, restrizzjonijiet jew perijodi itwal ikunu debitament ġustifikati.

Il-Portugall qed jifhem li l-Istati Membri jistgħu jżommu jew jintroduċu dispożizzjonijiet li jeskludu jew jirrestrinġu l-aċċess għall-ħelsien mid-dejn fiskali, mhux biss għaliex tali miżuri huma kkunsidrati debitament ġustifikati minħabba n-natura speċjali tad-dejn fiskali, iżda wkoll minħabba li l-adozzjoni tal-leġislazzjoni tal-UE b'impatt fuq il-pagamenti ta' taxxa fuq il-fatturat, dazji tas-sisa u forom oħra ta' taxxa jkunu jirrikjedu bażi legali speċifika differenti, soġġett għal proċeduri leġislattivi speċjali, kif preskrirt mit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Billi jżomm dan f'moħħu, il-Portugall jixtieq jirriżerva din il-pożizzjoni fir-rigward tar-regolamentazzjoni tal-aċċess għall-ħelsien md-dejn fiskali meta tiġi trasposta d-Direttiva.

Dikjarazzjoni mill-Ġermanja

Il-Ġermanja tapprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar oqfsa ta' ristrutturar preventiv, kif ukoll miżuri sabiex tiżdied l-effiċjenza tal-proċeduri ta' ristrutturar, tal-insolvenza u tal-ħelsien mid-dejn (COM(2016) 723).

Madankollu – b'referenza għad-dikjarazzjonijiet ta' protokoll aktar bikrija tagħha waqt il-Laqqha tal-Kunsill ĠAI tal-4 u l-5 ta' Ġunju u tal-11 u t-12 ta' Ottubru 2018 – il-Ġermanja ttendi l-fehma tagħha li fi ħdan il-kuntest tal-unjoni bankarja, il-proposta ma tagħmilx kontribut sinifikanti għall-miżuri neċċesarja għat-taqeq sostenibbli u l-evitar futur tas-self improduttiv. Hawnhekk ikunu jenħtieġu elementi aktar mifruxa, bħal elementi li jiżguraw li kredituri garantiti jkollhom aċċess effettiv għall-valur tas-sigurtà kollaterali fil-proċeduri ta' likwidazzjoni.

Barra minn hekk, fit-Titolu II (Oqfsa ta' Ristruttur Preventiv), id-Direttiva tagħti numru kbir ta' għażiż li għandhom jiġu eżerċitati b'diskrezzjoni nazzjonali, b'hekk tħalli spazju għall-Istati Membri għal forom ta' implementazzjoni jiet li ma jipprovdus salvagħwardji adegwati kontra abbuż u kontra tentattivi ta' ristrutturar ekonomikament ineffiċjenti. Dan jista' jwassal għad-dewmien tal-proċeduri neċċesarji ta' insolvenza, li mbagħad jista' jwassal għal rati aktar baxxi ta' dħul.

Barra minn hekk, il-ġbir ta' data dwar rati ta' rkupru previst f'punt (b) tal-Artikolu 29(3) tat-Titolu V (Monitoraġġ) għandu jkun obbligatorju għall-Istati Membri kollha sabiex ikun jista' jsir tqabbil tal-effiċjenza tal-proċedimenti ta' insolvenza fil-kuntest tal-unjoni bankarja.

B'reżultat ta' dan, id-Direttiva proposta ma toffrix il-livell minimu meħtieġ ta' protezzjoni għall-kredituri, u b'hekk ma tirrappreżentax pass importanti lejn l-issodisfar tal-'Pjan ta' Azzjoni biex jiġi indirizzat is-self improduttiv fl-Ewropa' tal-11 ta' Lulju 2017.
